

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-6 ta' Settembru 2018

tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España

(BĊE/2018/22)

(2018/C 325/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tal-Banco de España, KPMG Auditores, S.L., intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.
- (3) Banco de España għażel l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2020, b'opzjoni li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat li l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2018 sa 2020, b'opzjoni li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Settembru 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
